MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 33/2010

**F. (Advertising) Ltd (C. 27689)**
**Vs**

**Carmel Coleiro**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' €7,500 rapprezentanti ammont mill-konvenut dovut ghal servizzi resi ai termini ta' skrittura privata ffirmata mill-konvenut datata 23 ta' April 2009, annessa u mmarkata Dok A.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-odjern avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti a fol 2 tal-istess atti kif ukoll in-<u>nota ta' riduzzjoni</u> a fol 18 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont kif ridott u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-7 ta' Dicembru 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €3880 bl-imghax legali mill-hamsa (5) ta' Frar 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------